**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 23 ta' Lulju 2020;**

**<u>Rikors nru: 151/2020 AGV :</u>**

**AB**

**vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB** datat 3 ta' Gunju 2020, fejn ppermettiet u talbet is-segwenti;

1. Illi l-partijiet zzewwgu fil-21 ta' Lulju 2007, skont ic-certikat taz-zwieg, hawn anness u mmarkat Dok A;
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati mil- 20 ta' Dicembru 2011, permezz ta' kuntratt redatt min-nutar Dr. Fiona Zammit Armeni, kif jirrizulta mill-kopja tal-kuntratt hawn anness, u mmarkat Dok. B;
3. Illi minn tali zwieg, ma tweldux tfal;

4. Illi fic-cirkostanzi prevalenti ma hemm l-ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom separati ghal dal-ahhar tmien snin u nofs u kull parti qed issewwgi hajja totalment seperata u indipendenti minn xulxin;
5. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-kodici Civili Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil din Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju, u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

**Il-Qorti rat ir-risposa ta' CD** datata 10 ta' Lulju 2020, fejn espona bir-rispett u kkonferma;

1.Illi l-esponenti gie notifkat bl-atti tar-rikors fl-ismijiet premessi;
2. Illi l-esponenti jirrileva li ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghal dit-talba;
3. Illi l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tas-seperazzjoni ma jistghux jigu varjati hekk kif indikat fil-kuntratt tas-seperazzjoni ppubblikat in atti tan-nutar Dr. Fiona

Zammit Armeni, datat 20 ta' Dicembru 2011, insinwat fis- 6 ta' Jannar 2012, numru 314/2012;

4. Illi ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

5. Illi ma hemm manentiment, pretensjonijet u pendenzi bejniethom;

6. Illi l-esponenti jitlob lil dina Onorabbli Qorti, illi huwa ma jbatix l-ispejjez ta' dal-proceduri.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**